**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 07-10

**Data:** 26 ta' Lulju 2010

**Hin:** 17.45p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Speranza Chircop – Kunsilliera skuzata
Roderick Mizzi – Kunsillier

**Minuti** :

**1. Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seduta nru; 06.10 kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku is-Sur Michael Cohen u sekondati mill-Kunsillier Roderick Mizzi.

**2. Mill-Minuti:-**

2.1 Centru Civiku – Is-Sindku qal li rcieva it-tieni proposta tal-abbozz u wara li giet diskussa din il-proposta il-Kunsill rega ma qabilx li ghandu jkun hemm l-approvazzjoni tal-Ministeru relatat f'kaz t'attivitajiet organizzati mill-Kunsill Lokali. Ghalhekk il-Principal tal-kullegg ta' Santa Margerita ghandu jerga jigi nfurmat b'din id-decizjoni.

2.2 B'referenza ghall-permess 1178/2007 ta' thaffir Triq Santu Rokku - Is-Sindku qal li l-kumplament tar-reistatement tat-trinka fi Triq Santu Rokku u Triq Santa Liberata ghadu ma sarx peress li l-entita responsabbli cioe l-Enemalta hija nfurmata li din it-triq ser tinbena mill-gdid. Is-Sindku qal li peress li m'hemm l-ebda indikazzjoni dwar meta ser jibda x-xoghol f'din it-triq, ghandu jigi kkuntattjat il-kuntrattur sabiex jerga jghatti t-trinka kif suppost.

2.3 Mill-aggornament tal-kunsilliera Speranza Chircop –

a) Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera l-ohra prezenti ghall-laqgha qablu li m'hemm l-ebda gustifikazzjoni sabiex tinghalaq Triq Gianni Raimondu u Anglu Agius fil-hinijiet tal-iskola.
b) Is-Sindku qal li t-tindifa fil-pjazza ta' quddiem il-Knisja tal-Kapuccini ghandha ssir pero il-patching ma jsirx ghalissa minhabba prioritajiet tax-xoghol iehor.

c) Il-hadid mad-dawra tal-bandli, il-kunsill qabel li dan m'ghandux isir.
d) Il-flower beds ta' Triq is-Sibi ser ikunu parti mill-programm ta' hidma.

Mill-aggornament tal-kunsillier Roderick Mizzi-

a) Is-Sindku qal li ser jitpoggew 2 mobile toilets fil-bajja ta' Rnella fejn it-Tennis Court ghal xharejn.
b) Ser jitpoggew 2 mobile toilets ohra fi Triq Marina fejn iz-zebra cross ghall-attivita ta' Puttinu.
c) Ghall-attivita tal-breakdance li ser issir nhar l-20 ta' Awwissu ser jintrama bar mill-grupp tal-breakdance.
d) Ghall-problema tal-grieden fil-bajja ta' Rnella is-Sindku qal li r-rapporti saru u tpogga valenu fl-akwati.

## 3. Korrispondenza

Il-korrispondenza li tigi bl-email qieghda tigi mibghuta lill-kunsilliera fuq l-emails rispettivi taghhom.

## 4. Attivita Puttinu

Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li ser jitqassam il-programm ta' din l-attivita bieb bieb fil-Kalkara kif ukoll tqassmu l-posters fil-hwienet tal-lokalitajiet tal-madwar kif ukoll fil-hwienet tal-belt Valletta. Huwa qal ukoll li l-avviz qieghed idur anke fuq facebook. Il-Vici Sindku qal li l-Hadd filghodu cioe nhar l-1 ta' Awwissu ser isir tournament mill-Klabb tal-Bocci tal-Kalkara. Is-Sindku nforma l-Kunsill li is-Sibt filghaxija kif ukoll il-Hadd filghaxija il-klabb tal-football tal-Birgu ta l-ground tal-football tal-Birgu sabiex jintuza ghall-parking.

## 5. Gemellagg

Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li minn korrispondenza li waslet illum, gie nfurmat li iz-zghazagh taljani li kellhom jigu biex jitghallmu l-Ingliz fil-Kalkara bhala parti mill-Gemellagg mhux gejjin minhabba nuqqas ta' konkorrenza. Is-Sindku qal li huwa stieden anke lir-rapprezentanza mill-Kunsill ta' Crespellano pero dawn ma jistghux jigu minhabba li qieghdin bil-vaganzi taghhom. Qieghed jigi propost li d-delegazzjoni mill-Kalkara titla is-Sibt 25 ta' Settembru sal-Erbgha 29 ta' Settembru liema dati ghandhom jigu kkonfermati mit-Taljani. Dan huwa skambju ta' kulturi minhabba li f'din il-mawra hemm il-hsieb li jitilghu xi residenti Kalkarizi jakkumpanjaw id-delegazzjoni.

## 6. Tender 4/2010 – Resurfacing of roads by public private partnership

Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li it-tender tar-resurfacing of roads by public private partnership harget u ser taghlaq nhar l-Erbgha 25 ta' Awwissu 2010. It-toroq proposti ghall-ghoti tat-tarmac b'din is-sejha ser ikunu, parti minn Triq il-Missjoni Taljana, Trejqet Francesco Chricop, Triq iz-Zebbug, Triq il-Kajjik, parti minn Triq is-Sienja u parti minn Triq Marina.

## 7. <u>Tender 5/2010 – Sustainable development action plan.</u>

Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li t-tender tas-sustainable development action plan harget ukoll u ser taghlaq nhar l-Erbgha 25 t' Awwissu 2010. Din tikkonsisti billi jigi pprezentat pjan t'azzjoni ghall-lokalita sostenibbli.

## 8. <u>Approvazzjoni ta' xogholijiet u nfieq</u>

Il-Vici Sindku s-Sur Norbert Grech ippropona sabiex jitkompla l-hajt ta' fuq wara tal-Housing Estate ta' Rinella. Is-Sindku qal li bhal ma semma qabel ix-xoghol ser isir bil-mod wara ix-xoghol li qieghed isir bhalissa cioe il-hajt ta' Triq is-Salvatur kantuniera ma Triq Rinella. Il-Flower Beds jitrangaw u jithawwlu meta jaslu l-fjuri u wara x-xoghol ta' thawwil li qieghed isir bhalissa.

Is-Sindku semma li huwa qieghed ikollu laqghat regolari mal-kordinaturi ta' Smart City u li f'dawn il-laqghat gie deciz li Smart City tisponsorja 4 tabelli bil-mappa tal-Kalkara. Dawn ikunu jistghu jehlu, fid-dahla tal-mina tal-Kalkara, fi Triq Santa Liberata, fi Triq San Leonardu u ix-Xatt fejn iz-zebra cross.

Giet apporvata l-lista ta' nfieq bin-numru 07/2010.

## 9. <u>Aggornament</u>

9.1 <u>Il-Kunsilliera Maria Sultana ghaddiet dawn il-punti:</u>

a) Staqsiet meta ser jergghu jitqassmu l-boroz il-hodor ta' nhar ta' Tlieta. Is-Sindku qal li wara diskussjoni mal-kumpannija GreenPak, qieghed isir studju dwar xi tip ta ncentiv li jista jinghata lin-nies sabiex ihegguhom jisseparaw aktar l-iskart. Dan wara li nstab li n-nies m'humiex jisseparaw bizzejjed l-iskart kif suppost fil-boroz il-hodor.
b) Hija semmiet il-hsieb li jsiru aktar kampanji ta' awareness lit-tfal tal-iskola. Semmiet ukoll li ghandhom jitwahhlu tabelli mal-bring in sites.
c) Id-DVDs tal-Gospel Choir in-nies qieghdin jghidu li m'humiex jidhru sew. Is-Segretarja qalet li dawn ghandhom jirritornawhom lura lill-Kunsill u wara verifiki necessarji dawn jinghataw lura lill-photographer.
d) Tinzebah it-targa ta' fejn l-iskola bl-istess kulur ahdar tat-targa kollha.
e) Jinzebah sew il-hadid tat-tarag ta' fejn l-iskola.
f) Hija ghaddiet proposta sabiex il-leaflets li jqassam il-Kunsill isir ukoll bil-lingwa ngliza ghal dawk il-barranin li jghixu fil-Kalkara.
g) Bankina ta' Triq il-Missjoni Taljana mimlija hmieg tal-klieb.

| | |
|---|---|
| M.Cohen | S Galea Iriele |
| Sindku | Seg Ezekuttiv |

**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

# AGENDA

Seduta nru 8/10

Ser issir seduta tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 30 ta' Awwissu 2010 fil-17.30 ta' filghaxija fl-Ufficcju tal-Kunsill Lokali b'din l-Agenda.

1. Approvazzjoni tal-Minuti

2. Punti mqajjma mill-Minuti

3. Korrispondenza

5. Gemellagg

6. Tender 4/2010 – Tender Resurfacing of Roads by PPP

7. Tender 52010 – Sustainable Development Action Plan.

8. Protokol

9. Approvazzjoni ta' xogholijiet u nfieq

10. Aggornament

S Galea Iriele
Seg Ezekuttiv

Il-Pubbliku huwa mistieden jattendi